# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Lulju 2018

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Sabiex dawk il-qassisin li jħossuhom għajjiena u weħidhom fix-xogħol pastorali tagħhom isibu għajnuna u serħan fl-intimità tagħhom mal-Mulej u fil-ħbiberija tagħhom ma' ħuthom il-qassisin.**

**Ninġabar:**

Insib post fil-kwiet u pożizzjoni komda u nidħol fil-preżenza ta' Alla. Nirringrazzjah għal dawk il-qassisin kollha li jaħdmu bla heda biex jakkumpanjawna f'ħajjitna.

**Fatt ċkejken:**



Fr Robert kien ilu ħmistax-il sena li qaddes u ftit ftit kien beda jwarrab xi drawwiet li kellu bħaż-żjara lis-sagrament filgħaxija, iż-żjajjar lil xi anzjani u anke t-talb personali. Il-kompjuter kien qed joħodlu wisq ħin u iktar ma beda jgħaddi ż-żmien iktar beda jħoss nixfa spiritwali. Il-fatt li l-ħabib tiegħu Ronnie, li kien laħaq saċerdot sena qablu, telaq is-saċerdozju minħabba ħbiberija żejda li kellu ma' membru tal-kor tal-parroċċa, kien ixxukkjah bil-kbir. Irrealizza li jekk ma kienx se jagħmel xi ħaġa bis-serjetà, kien se jitlef il-vokazzjoni għax kien ilu li tilef dik il-ħeġġa li kellu għal Ġesù.

Iżda dan kollu, għall-grazzja t'Alla, issa kien għadda. Fr Robert kien qed ikanta minn taħt l-ilsien l-innu *Meta Nilmaħ il-Qdusija Tiegħek.* Ma riedx iqajjem lil oħtu li kienet diġà daħlet torqod. Kien qed iħossu mimli bil-ferħ u l-paċi f'qalbu. Bil-kemm ried jemmen li sitt xhur ilu kien qed iħossu għajjien u mdejjaq. Ħassu grat lejn Alla li kien laqqgħu ma' grupp ta' sitt qassisin waqt irtir u li bħalu kienu għaddejjin minn qtigħ il-qalb. Flimkien, kienu ħadu deċiżjoni li jissapportjaw lil xulxin u li jħeġġu lil xulxin biex ikomplu jsaħħu r-relazzjoni ħajja u personali ma' Ġesù. Kienu talbu lil Dun Manwel, li kien mexxa l-irtir biex jakkumpanjahom fil-ħajja spiritwali tagħhom. Minn dakinhar it-talb intimu ma' Ġesù ma naqas qatt u bil-mod il-mod Fr Robert reġa' beda jħoss il-ħeġġa tikber u reġa' sab il-motivazzjoni u l-forza biex ikompli l-appostolat u l-ħidma tiegħu.

**Naħseb ftit:**

Jista' jkun li hemm xi qassisin li naf li qed iħossuhom waħedhom jaqdfu kontra l-kurrent?

Qatt ħsibt li minħabba n-nuqqas ta' vokazzjonijiet ġodda, il-qassis jinsab għajjien u ddiżappuntat għax ma jlaħħaqx max-xogħol kollu li jixtieq jagħmel?

**Nitlob:**

Missier, nitolbok tgħin lil dawk is-saċerdoti li għaddejjin minn nixfa spiritwali ħalli jagħmlu l-qalb u jerġgħu jduru lejk u jsaħħu t-talb personali miegħek biex b'hekk jimtlew bil-ħeġġa u l-imħabba lejn Ibnek Ġesù u jsibu l-kenn u l-kuraġġ fih.

**Kliem ta' dawl:**

Li nkun iżolat u li nkun fis-solitudni ma jfissrux l-istess. Fl-ewwel każ insib ruħi waħdi, imma fit-tieni nsib lil Alla.

**X'nista' nagħmel:**

Nagħti ftit mill-ħin tiegħi u nara jekk nistax nagħti daqqa t'id lil xi qassis fil-ħidma pastorali tiegħu.